MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2009

Numru. 479/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Noel Farrugia bin Innocent u Geatana nee' Borg, imwieled fit-22 ta' Marzu, 1976 u residenti 25, Tal-Gilju, Triq San Leopoldu, Zurrieq, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 169976(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Noel Farrugia li gie akkuzat talli nhar it-03.05.2007 ghal habta ta' 17:30hrs fl-akwati ta' 'Ta' Cini' limit tal-Gharb, Ghawdex waqt li kien ghal kacca b'senter Breda P 18799:

1) Ikkaccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) mhux skond dawn ir-ragolamenti u mhux skond il-kondizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahta bi ksur tar-regolament 4 (A) tal-L/N 79/2006 hekk kif emendat;
2) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm il-xi ghasfur kemm haj jew mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu hu pprojbit taht ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006 mhux skond id-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti bi ksur tar-regolament (4 (E) L/N 79/2006 hekk kif emendat;
3) Aktar talli kkaccja jew ipprova jikkaccja lil xi ghasfur minbarra dawk imsemmija fi Skeda II li tinsab ma' regolamenti dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) bi ksur tar-regolament 5(1) tal-istess Avviz Legali hekk kid emendat;
4) Aktar talli kkaccja minn fuq l-art ghall xi ghasfur hlief dawk elenkati f'Taqsima A tal-Iskeda II bi ksur tar-regolament 5 (3) tal-L/N 79/2006 hekk kif emendat bir-regolament 5 tal-L/N 39/2007;
5) Aktar talli fl-istess data, hin u lok waqt l-istagun miftuh ghal kacca tal-ghasafar minn fuq il-bahar ikkaccja jew ipprova jikkaccja xi ghasfur mhux inkluz fi Skeda II li tinsab ma' regolament dwar konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (L/N 79/2006) bi ksur tar-regolament 18 (1)(B) tal-L/N 79/2006 hekk kif emendat;
6) Aktar talli fl-istess cirkostantanzi kkaccja jew ipprova jikkaccja b'arma semi awtomatika jigifieri senter ta' ghamla Breda bin-numru P18799 liema arma kellha kompartiment tal-iskratacc li kapaci jzomm aktar minn zewg (2) tiri ta' munizzjon;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi mismugha minn din il-Qorti, irrizulta ppruvat illi l-imputat spara b'senter li kien proprjeta' ta' huh lejn tajra protetta fil-Ligi taghna, u cioe' Falco Subbuteo komun ament maghruf bhala Hobby. Dana jammettieh l-imputat stess fix-xhieda tieghu moghtija quddiem din il-Qorti;

Ghaldaqstant l-ewwel erba' (4) akkuzi jirrizultaw ampjament ippruvati izda hawnhekk il-Qorti sejra tapplika l-Artikolu 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi l-istess fatti taw lok ghar-reati li dwarhom l-imputat jinsab akkuzat fl-ewwel erba' (4) akkuzi;

Illi ghar-rigward tal-hames (5) akkuza jirrizulta illi l-imputat kien qieghed jikkaccja fl-akwati Ta' Cini limiti tal-Gharb u ghalhekk certament mhux fuq il-bahar kif tipprospetta dina l-akkuza u kwindi l-imputat qed jigi liberat minn din l-akkuza;

Illi ghar-rigward tas-sitt (6) akkuza l-Qorti ma tistax taqbel mat-tezi tad-difiza peress illi rrizulta ppruvat illi l-arma tan-nar uzata mill-imputat kellha kompartiment li jzomm sa hames (5) skratacc. Fil-fatt kien hemm zewg (2) skratacc fil-kompartiment u wiehed (1) fil-kanna. Ghaldaqstant dina l-akkuza hija wkoll ampjament ippruvata (ara xhieda ta' PS 676 Edelon Spiteri). Illi l-arma tan-nar in kwistjoni esebita bhala dokument 'J' fl-atti tal-kawza, irrizulta illi ma hijiex licenzjata f'isem l-imputat izda l-imputat ma ressaqx provi ghar-rigward ta' dak li jallega u cioe' illi l-arma tan-nar hija proprjeta' ta' huh;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolament 4 (a), 4 (e), 5 (3) u Taqsima A Skeda II tal-L/N 79/2006 kif emendat bl-avviz legali 39/2007, kif ukoll l-Artikolu 7 (1) (k) u 56 tal-Kapitolu 480 u l-Artikolu 17 (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-hames (5) akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati tal-kumplament u tikkundannah multa ta' hames mitt ewro (€500).

Tordna finalment il-konfiska tad-dokument 'J' u 'J 1' esebiti fl-atti tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------